**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1211/2024 MS*

**Clinton Attard, kif eżerċenti fin-negozju bħala 'Newco Steel'**

**Vs.**

**Max Junior Ebejer**

Illum, 8 ta' Mejju 2025

Kawża Numru: 5

1. Din hija sentenza dwar kawża imressqa mill-attur permezz ta' rikors ġuramentat tat-8 ta' Novembru 2024, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, intalab li din il-Qorti jogħġobha:

> 1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' €29,663.87c (disa' u għoxrin elf, sitt

mija u tlieta u sittin Ewro, u sebgħa u tmenin ċenteżmu) liema ammont jirrappreżenta bilanċ kumplessiv ta' diversi fornituri ta' ħadid u materjal ieħor għal bini supplit mir-rikorrenti lill-intimat;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas is-somma ta' €29,663.87c (disa' u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u sittin Ewro, u sebgħa u tmenin ċenteżmu) lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment, u bl-interessi legali relattivi, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

2. Il-konvenut ġie notifikat bil-mezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, kif awtorizzat b'dikriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar 2025. Minkejja dan, il-konvenut ma deherx la fl-udjenza tal-4 t'April 2025 u lanqas fl-udjenza tal-lum.

3. La darba l-konvenut naqas li jidher minkejja li ssejjaħ diversi drabi, il-Qorti sejra skont il-liġi tipproċedi biex taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ fil-kontumaċja tiegħu.

4. Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur kif dedotti, bl-imgħax legali dekorribbli mill-istituzzjoni ta' din il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż kollha kif mitlub fir-rikors ġuramentat.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Deputat Reġistratur